MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 215/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**GORDON SCHEMBRI**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gordon Schembri ta’ 20, iben Edwin u Nathalina nee’ Galea, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-7 ta’ April, 1986, residenti fil-fond Flat 3, Block 5, Lourdes Buildings, Triq Enrico Mizzi, Gzira, detentur tal-karta tal-identita’ 207386(M);

1. Akkuzat talli nhar it-3 ta’ Marzu, 2007 ghall-habta tas-7.00pm, ikkommetta serq ta’ oggetti tad-deheb u affarijiet ohra minn go residenza privata bin-

numru 18, Triq id-Duluri, Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u l-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), sar ghad-dannu tal-ahwa Katerina u Rozina Falzon miz-Zejtun li t-tnejn ghalqu l-eta' ta' sittin sena;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg u cioe' l-oggetti u l-affarijiet hawn fuq imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwsitati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-bieb ta' barra tar-residenza imsemmija, liema hsara tammonta ghal iktar minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda inqas mnn hames mitt lira maltin (Lm500.00), saret ghad-dannu tal-ahwa Katerina u Rozina Falzon miz-Zejtun;

4. U kif ukoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta' Marzu, 2006.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 279, 280, 334, 325, u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat li t-tieni (2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontra tieghu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u bhal'issa jinsab

taht il-kura tat-tabiba psikjatrika Dr Ethel Felice. Il-Prosekuzzjoni ddikkjarat li l-imputat ikkollabora mal-pulizija, u li ghandu bzonn xi tip ta’ sorveljanza fil-hajja tieghu.

Fuq ammissjoni, ssib lill-imputat Gordon Schembri hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba’ (4) imputazzjoni, u wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li s-sentenza sospiza moghtija fid-29 ta’ Marzu 2006 tigi estiza ghall-massimu permissibbli bil-Ligi, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2), sospizi ghal erba’ (4) snin, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni ghar-ragunijiet premessi.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------